MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Numru 125/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Alfred Mallia**
**V**

**GAETANO DESIRA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GAETANO DESIRA** ta' sebgha w erbghin sena bin Annunziato u Maria nee Fenech, imwieled z-Zejtun nhar s-sbatax ta' Settembru 1953 u residenti 'Gaetrose', Triq il-Qadi, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita numru 668153M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli;

1. f'M'Scala nhar l-hmistax ta' Dicembru 2000 ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija, minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' George Mifsud Bonnici minn M'Scala f'perikolu car, hebb ghal istess George Mifsud Bonnici u kkagunalu griehi ta' natura gravi

skond ma ccertika Doctor D. Balzan mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

2. talli kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded u offenda lil George Mifsud Bonnici;

4. talli fl-istess cirkostanzi kkaguna hsara voluntarja fuq il-vettura tal-ghamla Mitsubishi 1200 bin-numru ta' registrazzjoni ABF 704 liema hsara hija ta' madwar mitejn u hamsa w ghoxrin lira maltin ghad-dannu ta' George Mifsud Bonnici.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' George Mifsud Bonnici u l-familjari tieghu.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 214, 216, 338(dd), 339E, 252, 325(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali esibit fl-atti a fol 4 markat bhala dokument CSH 2 datat ghoxrin ta' Frar 2001sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar it-tlettax ta' Novembru 2001 kif jirrizulta a fol 12 tal-atti odjerni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll tad-Difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004.
Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tlettax ta' Settembru 2001 **xehed l-Ispettur Alfred Mallia** kif jirrizulta a fol 13 et seq tal-atti fejn qal li fil-hmistax ta' Dicembru 2000 kien mar certu George Mifsud Bonnici jirrapporta l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz Zabbar, li kellu argument ma Gaetano Desira l-imputat odjern u bhala konsegwenza garrab griehi ta' natura gravi skond ma ccertgifika Doctor D. Balzan [vide dokument AM 1 a fol 15]. Huwa ghaddielu wkoll stima tal-hsarat li Mifsud Bonnici sofra waqt il-glieda fil-vettura tieghu [vide dokument AM 2 a fol 2]. Huwa effettivament baghat ghall-imputat li kkonfermalu li verament kellu argument ma George Mifsud Bonnici. L-incident sehh meta huma kienu ltaqghu fit-triq, hadd minnhom ma ried icedi, nizlu mill-karozza u qabdu jiggieldu.

Fis-seduta tal-hdax ta' Novembru 2002 l-istess Spettur Alfred Mallia reggha xehed u esibixxa l-fedina penali tal-istess George Mifsud Bonnici. Fuq domanda tad-Difiza u minn ezami taghha jirrizulta li fis-sena 1994 kien nstab hati mill-Qorti tal-Magistrati ta' kontravenzjoni li waddab gebla fil-konfront tal-imputat.
Illi nhar t-tlettax ta' Settembru 2001 **xehed PS 132 Joseph Camilleri** kif jirrizulta a fol 19 et seq tal-atti fejn qal li George Mifsud Bonnici kien mar jaghmel rapport l-Ghassa wara li kellu xi jghid ma l-imputat. Irrappurtalu li huwa kien iltaqa mal-imputat waqt li kienbil-vettura tieghu u l-imputat kien bil-vettura tieghu gej mid-direzzjoni opposta, u ma riedux jcedu lil xulxin sabiex wiehed minnhom jghaddi l-ewwel. Qallu li kien wegga' u l-Pulizija kien baghtu jigbor certifikat mediku. Ftit wara mar l-imputat u ghamel rapport simili u gie mitlub jigbor certifikat mediku dwar il-griehi li sofra. Mistoqsi jekk rax l-allegati hsarat fuq il-vettura tal-ghamla Mistubishi vann bin-numru ta' registrazzjoni ABF 704, ix-xhud wiegeb li ma jafx li rahom.

Illi nhar l-hamsa ta' Dicembru 2001 **xehed George Mifsud Bonnici** kif jirrizulta a fol 23 et seq tal-atti fejn qal li fil-hmistax ta' Dicembru 2000 huwa kellu l-vettura tieghu pparkjata quddiem il-garaxx, quddiem l-ghalqa li ghandu missieru fl-inhawi ta' "Rumi" f'M'Scala. Filghodu mar

jittawliha u sab li kellha diversi daqqiet bil-gebel. Dan nonostante, baqa sejjer ghax-xoghol bl-intendiment li jaghmel rapport aktar tard. Haga in vero simili fic-cirkostanzi hija pero li aktar tard mal-gurnata, il-vettura spiccat bi hsarat ohrajn tant li anke l-windscreen gie miksur. Huwa u sejjer, nizel fl-isqaq, iltaqa mal-imputat wieqaf bil-vann tieghu u ghahekk ma setghax jghaddi. Huwa nizel biex jara jekk setghax jghaddi u l-imptuat nizel ghalih, hareg gebla mill-kaxxa tal-vann, tah daqqa fuq rasu u fuq il-bonnet tal-vann. Huwa ghalhekk mar ghand t-tabib w ikkonferma li c-certifikat mediku markata bhala dokument AM 1 esibit fl-atti mill-Ispettur Alfred Mallia, huwa c-certifikat mediiku li tah t-tabib filwaqt li d-dokument AM 2 kien d-dokument mahruga mis-Surveryor Philip Zammit li jindika li kellu hsarat fl-ammont ta' mija hamsa w ghoxrin lira maltin, apparti l-valur tal-parts. Huwa esibixxa ritratt tal-vettura in kwisjtoni Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni ABF 704 li gie mmarkat bhala dokument AM 4. Huwa kkonferma wkoll li l-imputat beda jghajjru.

In kontr'ezami nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2003 **George Mifsud Bonnici,** kif jirrizulta a fol 42 et seq tal-atti, meta gie muri pjanta tal-post fejn sehh l-incident, liema pjanta giet esibita mill-imputat w immarkata bhala dokument ST, ix-xhud iddikjara li ma jaqbilx maghha ghaliex filwaqt li fil-pjanta dokument ST it-triq hija ndikata bhala wiesgha, fil-verita ma hiex u dan ghaliex f'dik l-parti fejn sehh l-incident, zewg vetturi ma gemb xulxin ma jghaddux. Huwa cahad b'mod kategoriku dak li gie allegat li kien ghamel u cioe li nizel mill-vettura tieghu ghaliex kien irrabbjat, u li ta xebgha lil imputat. Jghid pero li kien hu li qala daqqa minghand l-imputat u li spicca b'disgha punti f'rasu. Huwa qal li fl-ebda hin ma hebb ghal imputat u lanqas ma iddefenda lilu nnifsu mill-aggressjoni tal-imputat. Haga in vero simili peress li l-imputat spicca wkoll ferut.

Illi nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Jannar 2002 **xehed Philip Zammit** kif jirrizulta a fol 27 et seq tal-atti fejn ikkonferma s-survey report mahrug minnu nhar t-tmintax ta' Dicembru 2000.

Illi nhar t-tlettax ta' Marzu 2003 **xehed l-imputat** kif jirrizulta a fol 62 et seq tal-atti fejn ghamel referenza ghal istqarrija minnu rilaxxjata nhar d-dsatax ta' Settembru 2000 a tempo vergine tal-investigazzjoni liema stqarrija tinsab esibita fl-atti markata bhala dokument AM 3 a fol 17 tal-process. Huwa kkonferma li fejn sehh l-incident kien hemm bizzejjed spazju biex jghaddu zewg vetturi fl-istess hin ma gemb xulxin. Ikkonferma wkoll li ghandu problema ma hutu fuq il-wirt t'ommhom. Huwa spjiega li l-incident sehh meta huwa qal lin-neputih George Mifsud Bonnici sabiex jwarrab biex jghaddi hu u George Mifsud Bonnici wiegbu li ma setghax u ghalhekk qallu li minn hemmhekk tghaddi xarabank u li kien ser jcempel lil Pulizija. Appena nizel mill-vettura tieghu, George Mifsud Bonnici tah daqqa ta' ponn u tajjarlu sinna, tajjarlu l-mobile minn idejh, tah daqqa ta' ponn ohra fuq ghajnejh u tefghu fuq il-vettura tieghu. Huwa storda. Qal li George Mifsud Bonnici qabad gebla minn fuq il-hajt tas-sejjieh u dak l-hin haseb li kien ser joqtlu u ghalhekk beda jiddefendi lilu nnifsu. Huwa gharaf r-ritratti esibiti bhala dokumenti CSH 5 u CSH 6 bhala r-ritratti li juru l-feriti li sofra f'din l-aggressjoni. Huwa spjiega li kien hemm zewg minn nies li rahom jiggieldu u cioe certu Lino Bonnici u kuginuh certu Leli. Dak il-hin George Mifsud Bonnici saq 'l hemm minghajr bzonn li l-imputat iccaqlaq il-vettura tieghu. Mar l-Ghassa jaghmel rapport u sabu diga hemmhekk. Huwa mar l-isptar biex jgib certifikat mediku tal-feriti li sofra u ghaddieh lil Pulizija. Mistoqsi kif sehhew l-feriti ta' George Mifsud Bonnici, l-imputat wiegeb li fil-fatt huwa habbatlu rasu mal-hajt sabiex jiddefendi ruhu.

Illi nhar t-tlettax ta' Marzu 2003 **xehdet l-Ispettur Marisa Camilleri** kif jirrizulta a fol 65 et seq tal-atti fejn ikkonfermat li nhar l-hmistax ta' Dicembru 2000 l-imputat kien ghamel rapport l-Ghassa fuq l-aggressjoni li sofra minghand George Mifsud Bonnici u fil-fatt l-okkorrenza relattiva maghmula nhar s-sittax ta' Dicembru 2000 fis-siegha w nofs ta' wara nofsinhar, tinsab esibita a fol 56 tal-atti markata bhala dokument CSH 2 pero certifikat mediku tal-imputat ma tafx li qatt rat jew li gie ppresentat.

Illi nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Lulju 2003 **reggha xehed ghat-tielet darba l-Ispettur Alfred Mallia** kif jirrizulta a fol 69 et seq tal-atti fejn qal in kontro'ezami li l-imputat kien qallu li huwa beda jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni tal-imputat ghaliex kien laqtu f'ghajnejh, tajjarlu l-mobile, laqtu f'xofftejh u gidmu fuq spallejh x-xellugija. Huwa kkonferma wkoll li l-feriti li indika l-imputat huwa rahom de viso u kienu kif murija fir-ritratti dokumenti CSH 5 u CSH 6.

Illi nhar t-tletin ta' Marzu 2003 **xehed Emanuel Desira** kif jirrizulta a fol 76 et seq tal-atti fejn qal li dakinhar tal-incident ra lil imputat u George Mifsud Bonnici mqabbdin f'xulxin u hu indahal biex jferraqhom. Huwa ma kienx f'posizzjoni li jghid kif effettivament bdiet l-glieda ghaliex ma kienx hemm mill-bidu taghha, jaf pero li kienu t-tnejn mahsula bid-demm. Spjiega li l-incident sehh fi speci ta' pjazza li hemm f'Triq l-Moghoz, illum maghrufa bhala d-Dahla ta' San Tumas. Huwa qal li fuq il-post, il-vettura tal-imputat biss ra. Fl-ebda hin ma ra l-vettura ta' George Mifsud Bonnici u minn fuq il-post rah jitlaq bil-pass.

Illi nhar t-tletin ta' Marzu 2003 **xehed Angelo Bonnici** kif jirrizulta a fol 78 et seq tal-atti fejn qal li waqt li kien gej mill-ghalqa semgha xi ghajjat pero huma kienu gia mifrudin. Mistoqsi jghid min kien hemm ix-xhud aghmel referenza ghal Gaetano Desira l-imputat u George Mifsud Bonnici. Ikkonferma wkoll li kienu fil-fetha, speci ta' pjazza. Karozzi milquta ma rax u l-vettura tal-imputat ra biss. Minn dan huwa cert ghaliex filwaqt li l-imputat telaq minn fuq il-post bil-vettura tieghu. George Mifsud Bonnici telaq bil-pass. Fil-fatt dan ix-xhud elabora u qal li aktar tard wara l-glieda, ra lil George Mifsud Bonnici johrog bil-van tieghu. Dan ix-xhud kkonferma li fil-post fejn sehh l-incident, zewg karozzi setghu jghaddu facilment.

Illi ghalhekk din il-kawza tiddependi biss fuq kwistjoni ta' kredibilita u cioe jekk George Mifsud Bonnici qalx il-verita kollha waqt li kien qed jiddeponi jew jekk l-imputat qalx il-verita jew le.

Illi George Mifsud Bonnici jghid li nizel mill-vettura biex jara jekk setghax jghaddi u l-imptuat minnufih hebb ghalih,

filwaqt li l-imputat jghid li George Mifsud Bonnici hebb ghalih appena qallu li kien ser icempel lil Pulizija.

L-imputat jichad li l-incident inqala ghaliex George Mifsud Bonnici ma setghax jghaddi bil-vettura u in effetti jghid li l-incident inqala meta ghal ebda raguni ta' xejn Geoge Mifsud Bonnici beda jghajjru. Dan il-fatt huwa konfermat kemm minn Angelo Bonnici u Emanuel Desira li kienu t-tnejn fuq il-post u l-vettura ta' George Mifsud Bonnici ma rawhiex u t-tnejn qalu li anke kieku kienet hemm, spazju biex tghaddi kien hemm. L-imputat jghid li gie aggredit waqt li George Mifsud Bonnici jichad li hebb ghalih. Il-feriti murija fid-dokumenti CSH 5 u CSH 6 esibiti fl-atti t-tnejn jindikaw l-feriti li subixxa l-imputat waqt l-glieda u jikkonferma li ntlaqat f-rasu, f'ghajnejh u migdum fuq spalltu, kif del resto jghid l-istess imputat.
Illi l-imputat ma jichadx li effettivament laqat lil George Mifsud Bonnici pero dan ghamlu sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni tieghu.

Illi z-zewg xhieda ndipendenti t-tnejn jghidu lill-imputat u George Mifsud Bonnici kienu fl-idejn u li kien hemm Emanuel Desira li firidhom filwaqt li George Mifsud Bonnici jghid li ma tax, qala biss. Haga ohra t'interss huwa l-fatt li George Mifsud Bonnici ma jsemmi xejn li kien hemm nies okulari tal-incident, filwaqt li l-imputat jsemmi z-zewg xhied okulari mill-ewwel, minn meta rrilaxxja l-istqarrija tighu nhar d-dsatax ta' Dicembru 2000, ftit jiem wara li sehh l-incident.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kirminali*** fl-ismijiet **Police v Mark Vella Muscat** [Appell Numru 266/1999] fejn dik il-Qorti irriteniet li:

*"As has already been held in other previous cases, the legal criterion to exercise the legitimate right of self defense is what was the person charged thinking at the time of the aggression against him. A person has every legal right to deliver the first blow himself before he is physically attacked if he genuinely feels and is actually proved or shown, that his safety is in danger because of*

*the unjust actual and inevitable danger with which he is faced. The law does not restrict or determine the right to self-defense on who actually delivers the first blow. The law lays down certain conditions which have to be fulfilled, before it can be said that a person has rightfully acted in self defense. More after than not, in reality, it is almost always that the first blow is delivered by the person acting in self defense, which action is precisely taken to prevent the aggressor from carrying out his intentions."*

F'dan il-kaz, jirrizulta li George Mifsud Bonnici ta l-ewwel daqqa permezz ta' tfigh ta' gebla fuq l-imputat u tajjarlu l-mobile u laqtu fuq geddumu u xofftejh. Meta ra hekk l-imputat irreagixxa u tah xi daqqiet izda kien wara li qala minghand l-aggressur tieghu u spicca b'zewg sinniet imtajjra li beda jaghti.
Il-Qorti thoss li l-versjoni tal-fatti kif spjiegati mill-imputat huma aktar veritieri u ghandhom aktar mis-sewwa fic-cirkostanzi u ghalhekk il-Qorti hija propensa temmen din il-versjoni u mhux dik esposta mill-Prosekuzzjoni.

**Ghalhekk l-Qorti, fid-dawl tas-suepost thoss li l-imputat GAETANO DESIRA agixxa taht legittima difesa u ghalhekk tiddikjara li ma ssibux hati tar-reat fuq imsemmija u tilliberah minnhnom.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------